



# Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, id-29 ta' Jannar 2019

## L-effettività tal-FEIS trid tkun issostanzjata aħjar, jgħidu l-Awdituri tal-UE

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) kien effettiv fil-ksib ta' finanzjament għal investimenti fl-UE, iżda huwa possibbli li l-ammonti ta' investimenti mmobilizzati ġew iddikjarati b'mod eċċessiv. L-awdituri sabu wkoll li parti mill-appoġġ tal-FEIS sempliċement issostitwixxa fondi oħra mill-UE u mill-Bank Ewropew tal-Investment. Parti mill-fondi marru għal proġetti li setgħu użaw sorsi oħra ta' finanzjament pubbliku jew privat, għalkemm fuq termini differenti, u l-biċċa l-kbira mill-investimenti marru għal ftit mill-Istati Membri l-kbar tal-EU-15 li għandhom banek promozzjonali nazzjonali stabbiliti sew.

Il-FEIS huwa inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI). Huwa jiffirma l-bażi għall-Pjan ta' Investment tal-UE, magħruf ukoll bħala l-"Pjan Juncker", li inizjalment kellu l-għan li jġġenera EUR 315-il biljun f'finanzjament pubbliku u privat għal investimenti strateġiċi.

L-awdituri kkonkludew li, mit-tnedija tiegħu fl-2015 sa Lulju 2018, il-FEIS kien effettiv fil-ksib ta' finanzjament b'appoġġ għal investimenti addizzjonali fl-UE. Huma sabu li sa nofs Lulju 2018, il-BEI kien approva finanzjament ta' EUR 65.5 biljun, li huwa aktar mill-volum indikattiv ta' EUR 61 biljun ta' fondi li kellhom jinkisbu. L-appoġġ tal-FEIS ippermetta li l-BEI jżid b'erba' darbiet oħra l-operazzjonijiet tiegħu ta' finanzjament b'riskju oġġla, meta mqabbel mal-2014.

Madankollu, xi wħud mill-proġetti taħt il-FEIS setgħu ġew iffinanzjati minn sorsi privati u pubbliċi oħra, jew inkella mill-BEI nnifsu, għalkemm fuq termini differenti. Il-promoturi tal-proġetti ppreferew jirċievu finanzjament mill-FEIS, minħabba li jew kien orħos jew inkella kien joffri perjodu itwal għar-rimborż.

L-awdituri għandhom dubju wkoll dwar l-istima rappurtata rigward l-investment addizzjonali ta' EUR 335 biljun li ġie mmobilizzat. F'xi każijiet, il-metodoloġija użata ddikjarat b'mod eċċessiv kemm l-appoġġ tal-FEIS verament attira investment addizzjonali fl-ekonomija reali. Barra minn hekk, l-ammonti rappurtati ma jiħdux kont tal-fatt li xi wħud mill-operazzjonijiet taħt il-FEIS issostitwew operazzjonijiet oħra tal-BEI u strumenti finanzjarji oħra tal-UE. Skont l-awdituri, in-

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

## ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors

[eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

nuqqas ta' indikaturi tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ kumparabbli għall-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji kollha tal-UE jnaqqas it-trasparenza u jikkomplika l-valutazzjoni tar-riżultati.

*“Il-FEIS għandu profil għoli bħala programm emblematicu tal-UE. Dan jagħmilha ferm aktar importanti li kull dikjarazzjoni dwar l-effettività tiegħu tkun ibbażata fuq pedamenti sodi,”* qal **Leo Brincat, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport.**

Skont l-awdituri, il-finanzjament li ġie sostitwit parzjalment mill-FEIS kien fil-biċċa l-kbira relatat ma' strumenti finanzjarji tal-UE mmaniġġjati ċentralment, b'mod partikolari fl-oqsma tat-trasport u tal-enerġija. L-awdituri huma wkoll tal-fehma li jeħtieġ li l-Kummissjoni u l-BEI jevitaw it-trikkib li jista' jkun hemm bejn il-FEIS u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) immaniġġjati mill-Istati Membri.

Fi tmiem l-2017, il-portafoll tal-FEIS kien jinsab fi ħdan il-limiti ssettjati għall-investiment f'setturi ta' politika speċifiċi. Madankollu, il-konċentrazzjoni ġeografika tal-operazzjonijiet ta' finanzjament ma kinitx ibbilanċjata biżżejjed, billi fil-biċċa l-kbira dawn kienu kkonċentrati fi ftit mill-Istati Membri l-kbar tal-EU-15 li għandhom banek promozzjonali nazzjonali stabbiliti sew.

L-awdituri jagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet bl-għan li:

- jiġi promoss l-użu ġustifikat ta' prodotti tal-BEI b'riskju ogħla taħt il-FEIS;
- tiġi mħeġġa l-komplementarjetà bejn l-istrumenti finanzjarji tal-UE u l-garanziji baġitarji tal-UE;
- isir titjib fil-valutazzjoni ta' jekk proġetti potenzjali tal-FEIS setgħux ġew iffinanzjati minn sorsi oħra;
- jiġi stmat aħjar l-investiment immobilizzat;
- isir titjib fil-firxa ġeografika tal-investiment appoġġat taħt il-FEIS.

#### **Nota lill-Edituri**

Il-FEIS ġie stabbilit fl-2015, bħala parti mill-“Pjan ta' Investiment għall-Ewropa”, li ġie mfassal biex jindirizza d-diskrepanza fl-investiment li nħolqot b'segwitu għall-kriżi finanzjarja u ekonomika li bdiet fl-2008. Huwa ġie stabbilit fi ħdan il-BEI u huwa rregolat minn Bord ta' Tmexxija magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-BEI. Inizjalment, il-FEIS ġie stabbilit bil-ħsieb li tintuża garanzija ta' EUR 16-il biljun mill-baġit tal-UE u EUR 5 biljun f'riżorsi proprji tal-BEI, biex il-Grupp tal-BEI jkun jista' jipprovdi finanzjament ta' madwar EUR 61 biljun bl-għan li, sa Lulju 2018, jiġu ġġenerati EUR 315-il biljun addizzjonali ta' investimenti strateġiċi fl-infrastruttura u fl-SMEs, li jkopru l-biċċa l-kbira mill-oqsma ta' politika tal-UE u l-Istati Membri kollha.

L-Awdituri tal-UE ppubblikaw opinjoni dwar il-FEIS f'Novembru 2016. F'Lulju tal-istess sena, huma ppubblikaw ukoll rapport speċjali dwar l-istrumenti finanzjarji tal-UE.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet interessati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati mis-settur tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika. Il-fatt li dan isir daqshekk ta' spiss jissottolinja l-benefiċċju tax-xogħol tagħna għaċ-ċittadini tal-UE.

Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2019: Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi: Jeżtieg li tittieħed azzjoni biex il-FEIS ikun suċċess totali” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)) bi 23 lingwa tal-UE.